MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 523/2006/1

**David Debono**

**vs**

**Emanuel Grogan**

**Il-Qorti,**

L-ezami prezenti tal-kwestjoni promossa bit-talba ta' l-attur hi l-konsegwenza tad-decizjoni pronunzjata minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, 2009 u li permezz taghha giet annullata s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar moghtija fit-22 ta' Frar, 2008. Dan l-ezami jimporta d-determinazzjoni tar-responsabilita` ghad-danni fil-vettura ta' l-attur u l-likwidazzjoni ta' l-istess danni;

Mill-atti jirrizulta illi fl-1 ta' Gunju, 2006 l-konvenut, imqanqal mis-suspett li martu kienet f'relazzjoni ma' l-attur, segwa lil martu meta din kienet qed takkompanja lil

uliedhom biex dawn, permezz tal-minivan ta' l-attur, jitwasslu l-iskola. Hu ra lil martu tirkeb fl-istess van, gibed xi ritratti u affronta lill-attur. Fil-versjoni ta' dan ta' l-ahhar, il-konvenut beda jinsolentah, isabbat bil-ponn fuq il-van u jaghti daqqiet mal-gemb tieghu. Jinghad ukoll illi l-konvenut segwa bil-karozza tieghu lill-attur sa hdejn l-iskola tat-tfal u hemm rega' osserva lill-konvenut isabbat il-bieba tal-van u jkompli jaghti daqqiet fuq gewwa ta' l-istess van. Il-konvenut jinnega l-hsara fil-van pero` jammetti li xejjer idejh u tajjar in-nuccali minn wicc l-attur. Jaccetta wkoll illi dakinhar hu mar biex jillatika ma' l-attur, li kien irrabjat u li segwih biex jiehu sodisfazzjon. L-istess atti tal-kawza jkomplu jistabilixxu illi di fronte ghal konvenut ittiehdu proceduri kriminali bl-imputazzjoni ta' hsara volontarja fuq il-vettura;

Ferma din l-esposizzjoni qasira tal-fatti l-aktar saljenti tal-kaz, mhux inopportun li ghal darb'ohra jigi registrat b'ripetizzjoni illi "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo*" ("**Carmelo Farrugia -vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, 24 ta' Novembru, 1966). Meta dan jigri, kif issokta jinghad f'din l-istess sentenza, "il-qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant";

B'dan il-hsieb in mira l-Qorti tara li t-test tal-verosimiljanza f'dan il-kaz jiffavorixxi izjed lill-versjoni ta' l-attur milli dik tal-konvenut. Mhux kontestat illi fil-jum partikolari l-konvenut mar biex jaffronta lill-attur ghal dak is-suspett tieghu aktar 'il fuq rakkontat. Mhux, imbaghad, inverosimili illi fl-istat agitat li kien f'dak il-mument jinsab fiha l-konvenut, is-sodisfazzjon minnu ricerkata ittraduciet ruhha f'dik il-kondotta doluza li taghmel hsara lill-attur.

Dan mhux biss fit-tixjir ta’ l-idejn u d-daqqa fuq wicc l-attur izda wkoll, kif inhu wisq probabbli, attiz ir-rabja li kellu, bid-daqqiet ta’ ponn fuq il-vann tieghu;

Din il-konkluzjoni tal-valutazzjoni tal-provi hi, fil-fehma tal-Qorti, korroborata u sostenuta mic-cirkostanzi u l-elementi indizzjarji li johorgu mix-xhidiet, kompriz f’dan ix-xhieda tal-konvenut innifsu. Huma, anzi, dawn l-istess cirkustanzi u indizji li jiddemostraw id-dolo in kwantu mill-fatti esterjuri jista’ jigi sew dezunt il-previzjoni ta’ l-event lesiv u dik ta’ l-intenzjoni voluta mill-konvenut li tikkawza hsara lill-attur. Kif insenjat, f’kazijiet ta’ din ix-xorta l-awtur li jikkaguna d-dannu ma jistax lanqas jinvoka b’menomazzjoni tad-danni l-provokazzjoni ghaliex “hu principju indubitat tad-dritt penali li ma hijiex affattu ammessa bhala attenwanti tar-responsabilita` dik li bi frazi skultorja ssejhet “*provocation provoked by the prisoner*”. Ara “**Francesco Gauci -vs- Salvatore Gauci**”, Appell Civili, 30 ta’ Novembru, 1956;

Stabbilita r-responsabilita` fil-konvenut, il-konsiderazzjoni li jmiss tikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni;

Il-gustizzja sostanzjali trid li r-rizarciment ta’ dawn id-danni ghandu jservi biex jirrientegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ta’ l-event dannuz. Huwa veru illi skond il-vot tal-ligi (Kapitolu 380) ir-rizoluzzjoni tal-kwestjoni trid tigi processata skond id-dritt ekwitattiv [Artikolu 7 (1)]. Mill-banda l-ohra l-accertament tal-kondotta doluza ma jistax ma jkollhiex influwenza u rwol aktar qawwi fuq il-kwantum tar-rizarciment a paragun tal-kaz fejn il-verifika tkun wahda ta’ imgieba kolpuza;

Dan premess, jinstab mill-provi processwali fuq ix-xhieda ta’ Joseph Cassar (fol. 31) u ta’ Stephen Agius (fol. 33) illi l-ispiza ghall-ispray tal-vettura u ghar-riparazzjoni tal-bieba tal-van kienet komplessivament tammonta ghal tliet mija u tmintax-il lira u sittin centezmu (Lm318.60). Minn

naha tieghu l-espert tekniku imqabbad fl-atti tal-kompilazzjoni jipprovdi ghal stima ta’ tliet mija tnejn u hamsin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm352.25). F’din is-somma ma huwiex komprizi t-telf tal-granet tax-xoghol – hamest ijiem skond l-espert – necessitati sabiex tigi msewwija l-hsara. Meta l-principju aktar ‘il fuq zvolt jigi applikat ghal dawn il-fatti l-Qorti tara li l-korrispondenza xierqa tal-likwidazzjoni tad-danni m’ghandhiex tkun inferjuri, anke jekk stess *ex aequo et bono*, ghas-somma ta’ erba’ mija tnejn u hamsin lira, hamsa u ghoxrin centezmu (Lm452.25) ossija elf u tlieta u hamsin euro, sitta u erbghin centezmu (€1053.46).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli ghall-hsarat fil-vettura ta’ l-attur, tillikwida dawn il-hsarat fis-somma ta’ elf tlieta u hamsin euro u sitta u erbghin centezmu u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni, bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza. L-ispejjez gudizzjarji kollha jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------